Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 651/2009

**Go p.l.c. (C – 22334)**

**vs**

**Richard Tua**
**(I.D. 440953M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet lil konvenut il-hlas tas-somma ta’ hames mija u sbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmi (€517.88), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21433923 (CN 259377, AC 10181535), skont diversi kontijiet mibghuta lilu, u skont id-dokumenti annessi ma’ l-avviz tat-talba :

IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv,
IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u sbatax-il Euro u tmienja u tmenin centezmi (€517.88), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------